KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 30

**It-Tlieta 28 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier (wasal 6:35pm)
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 30.1 Qari tal-Apoloġiji

30.1.1 Is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet ittri ta' apoloġija.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 29

30.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 29 li kienu meqjusa moqrija.

30.2.2 Fuq talba tal-Kunsillier Baldacchino Cefai kien hemm qbil li f'para. 29.7.4 titneħħa l-kelma Misidjan. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

30.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 29 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 30.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

30.3.1 Is-Sindku informa li kellu stedina biex jifforma parti minn delegazzjoni uffiċjali ta' Sindki biex jiltaqa' mal-Papa fil-Vatikan. Il-Kunsill qabel li għandu jifforma parti minnhom u jirrappreżenta lil-lokalità tal-Imsida.

30.3.2 Is-Sindku informa li rċieva risposta mill-uffiċċju tal-Ministru Dr Jonathan Attard għal laqgħa għall-5 ta' Awwissu. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jattendu.

30.3.3 Is-Sindku informa li matul-ġimgħa li għaddiet kien hemm il-*hearing* tal-applikazzjoni biex jinbena l-wied tas-Swatar. Huwa informa li d-deċiżjoni finali kienet ġiet posposta għat-Tlieta 4 ta' Awwissu. Hawnhekk is-SE infurmat li fuq chat li hemm bejn membri tal-Kunsill u r-residenti tas-Swatar kien hemm talba biex il-Kunsill jorganizza transport mis-Swatar għall-uffiċini tal-PA u lura. Il-Kunsill qabel li jagħmel tajjeb għalih hu.

30.3.4 Is-Sindku informa li l-ERA offrew li jintbagħtu l-*enforcement officers* tagħhom sabiex jagħmlu spezzjonijiet madwar il-lokalità u jinfurzaw fejn hemm bżonn u huwa kien beda jdur magħhom.

30.3.5 Is-Sindku informa li kellem lis-Sanità dwar il-kwistjoni tal-ħamiem selvaġġ. Dawn kienu infurmawh li l-Imsida jmissha xi 3 xhur oħra.

30.3.6 Is-SE infurmat li kienet intbagħtet ittra lill-Onor. Ministru Owen Bonnici dwar it-talba tal-Kunsill biex isir twaqqigħ ta' bini dilapidate fi Triq il-Wied biex jintuża bħala parkeġġ temporanju u possibbilment jinbidel f'parkeġġ, pjazza u ġnien flok aktar appartamenti. Kien hemm qbil li kemm-il darba jirrispondi, il-Kunsill kien se jistiedu fuq il-post.

30.3.7 Is-Sindku informa li min-naħa tar-Reġjun kienu ddiskutew il-possibbiltà li l-iskart jibda jinġabar aktar kmieni fil-lokalità tagħna u kienu lesti wkoll li jħejju flyer biex jitqassam dar dar. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi biex mill-aktar fis possibbli jinbidel il-ħin għas-7:30am flok it-8:30am. Barra minn hekk ġie ssuġġerita li ssir kampanja edukattiva bieb bieb biex flimkien mal-uffiċjali tal-infurzar dan l-eżerċizzju jirnexxi aktar.

## 30.4 Laqgħa mas-Segretarju Permanenti, is-Sur Emil Vassallo

30.4.1 Is-Sindku informa li kienet inżammet laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministru Zerafa Civelli fejn ġew diskussi diversi problemi li l-Kunsill qed ikollu fir-rigward tat-tindif madwar il-lokalità. Huwa fehem li hawn problema fl-Imsida u wiegħed li se jipprova jagħti għajnuna. Fost oħrajn kien se jagħmel pressjoni biex tintbagħat l-*electrical sweeper* lura, titjieb il-*performance* tal-ħaddiema u titranġa s-sitwazzjoni tal-knis in ġenerali, fost oħrajn ta' Triq il-Wied.

## 30.5 Rendikont tal-festa tal-Imsida

30.5.1 Il-Kunsillier Agius staqsa jekk il-Kunsill għandux jibda jistieden lill-kantanta li tkanta fil-festa għal Jum l-Imsida. Il-Kunsill qabel li iva.

30.5.2 Is-SE infurmat li din is-sena l-applikazzjoni għall-fire engines ma kinitx iddaħħlet fil-ħin min-naħa tal-Każin tal-Banda u għaldaqstant il-Kunsill spiċċa jagħmel tajjeb għall-ispiża tal-*fire engines* hu, meta din setgħet saret applikazzjoni min-naħa tal-Każin u l-ħlas kollu kien jiġi rifuż mill-Malta Arts Council. Is-SE talbet biex is-sena d-dieħla, jieħdu ħsieb li tiddaħħal min-naħa tagħhom fil-ħin biex ma jsirux spejjeż żejda inutilment.

30.5.3 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil kull Għaqda li ħadmet biex tittella' l-festa tal-Imsida.

30.5.4 Il-Kunsillier JC Borg ġibed l-attenzjoni li l-faċċata tal-Kunsill kienet baqgħat mixgħula sal-Ħadd ta' wara l-festa. Kien hemm qbil li mis-sena d-dieħla din għandha tibda tintefa' mill-għada tal-festa.

30.5.5 Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-monument reġa' qed ikun mixgħul. Se nerġgħu niġbdu l-attenzjoni ta' IM.

## 30.6 Intervisti għal Operative 4

30.6.1 Is-SE infurmat li l-bord kienet saret intervista ma' persuna waħda li kien fuq il-lista tal-irreġistrar u kien hemm qbil li dan huwa adegwat għall-vakanza li għandna. Il-persuna l-oħra li bagħtet is-CV ma kinitx attendiet għall-intervista.

30.6.2 Kien hemm qbil għaldaqstant li kemm-il darba għadu interessat, dan għandu jintalab jibda xogħol minn l-għada l-Erbgħa 29 ta' Lulju.

30.6.3 Hawnhekk is-SE infurmat ukoll li kellha kommunikazzjoni lura mingħand is-Sa. Sonia Vassallo fejn talbet li l-Kunsill jirrevedi l-ħinijiet tagħha biex minflok 30 siegħa fil-ġimgħa kif tressaq fl-aħħar laqgħa, tibda taħdem 35 siegħa biex jirnexxielha taħdem sal-ħin tal-għeluq tal-permessi. Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 30.7 Update dwar proġetti – Triq Victor Denaro u Triq Oscar Zammit

30.7.1 Is-SE infurmat li kienu nbdew iż-żewġ proġetti f'daqqa, wieħed mill-kuntrattur ta' Project Green u ieħor mill-kuntrattur ta' Infrastructure Malta.

30.7.2 Fir-rigward tal-bankijiet li qed jinqalgħu minn Triq Victor Denaro kien hemm qbil li dawn għandhom jingħataw lill-Fondazzjoni tat-Turiżmu biex jintużaw f'xi lokalitajiet oħra.

30.7.3 Għaldaqstant fuq talba tas-SE, kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu written off minn fuq l-inventarju tal-Kunsill.

30.7.4 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li hemm ukoll madwar 8 arbli tal-fondut li jiswew il-flus u għaldaqstant preferibbilment kellhom jinżammu jew jingħataw lil xi kunsill għal donazzjoni żgħira. Kien hemm qbil li dawn għandhom jinżammu.

30.7.5 Fir-rigward tal-proġett ta' Triq Oscar Zammit, is-SE infurmat li kienu qed jinbidlu xi servizzi fit-triq kif ukoll fil-madwar. Hija infurmat ukoll li bi qbil ma' IM, kienet se tinżamm is-sistema tas-CCTV Cameras li għandna preżentament u jiżdiedu oħrajn ġodda magħhom.

## 30.8 Rilokazzjoni tal-Librerija

30.8.1 Is-SE infurmat li kienet tkellmet mal-Kap tal-Iskola u din issuġġeriet li l-Open Day u l-ftuħ uffiċjali tal-librerija jsiru nhar l-20 ta' Novembru li tkun Jum it-Tfal u ssuġġeriet li jiġu involuti l-iscouts kif ukoll il-ġenituri tat-tfal.

30.8.2 Is-SE spjegat li bħalissa l-librara mexxiet il-maġġorparti tal-kotba fil-librerija l-ġdida u għalaqstant importanti li fil-ġimgħat li ġejjin, ir-residenti jkunu infurmati li għallanqas il-librerija ġiet rilokata. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir *soft opening* u li l-ftuħ uffiċċjali jkun dakinhar tal-*open day*.

30.8.3 Fuq talba tas-SE, kien hemm qbil li għandha tagħmel kuntatt mal-Periti sabiex isir xi żebgħa jew tisbiħ ieħor biex tidher aktar akkoljenti.

## 30.9 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

30.9.1 Is-SE infurmat li rċeviet mistoqsijiet bil-miktub kif ġej:

30.9.2 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar x'jista' jagħmel il-Kunsill fir-rigward tal-qtugħ ta' dawl biex iwassal l-ilmenti lill-Enemalta. Is-SE infurmat li l-Kunsill jista' jwassal l-ilmenti permezz tat-telefon u l-emails u fil-fatt ikkupjajna wkoll lill-Ministru fit-talba tagħna. Sfortunatament minħabba l-problemi li kien hemm, anke l-Kunsill spiċċa b'użu limitat kemm tat-telefon kif ukoll tal-emails u għaldaqstant ma stajniex nagħmlu sforz daqs kemm forsi xtaqna.

30.9.3 Il-Kunsillier Agius staqsa jekk hemmx risposta dwar l-ATM. Is-SE infurmat li iva u talbu nindikawlhom fejn biex jiġu jaraw huma. Kien hemm qbil li għandna nibgħatu lura u nissuġġerixxu li titpoġġa fejn hemm in-*notice board* tal-Kunsill.

30.9.4 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mallia. Il-ħin kien is-6:35pm.

30.9.5 Kien hemm qbil ukoll li alternattivament tista’ ssir talba ma’ IM jew issir xi kamra żgħira viċin tal-*winch room*.

30.9.6 Il-Kunsillier Agius staqsa dwar il-vetturi mitluqin fil-parkeġġ ta’ Triq Clarence. Is-SE infurmat li r-rapport mill-Kunsill kien sar permezz tal-email lil TM. Kienet reġgħet intbagħtet talba għall-informazzjoni.

30.9.7 Il-Kunsillier Agius talab risposta dwar minuta 29.10.4 li tirrigwardja l-bus stop tas-Swatar. Is-SE infurmat li kienet għadha ma ġietx iffissata l-laqgħa ma’ Faces.

30.9.8 Hawnhekk is-SE irringrazzjat liż-żewġ Kunsilliera li bagħtu l-mistoqsijiet minn qabel u rrakkomandat li possibbilment il-mistoqsijiet jintbagħtu mill-inqas minn ġurnata qabel sabiex tilħaq tiġbor l-informazzjoni aktar fil-waqt.

30.9.9 Il-Kunsillier Farrugia talab biex is-SE tara jekk iġġibx xi informazzjoni dwar meta se jibda x-xogħol fuq id-dar tal-anzjani.

30.9.10 Il-Kunsillier JC Borg tkellem dwar il-problema tal-parkeġġ u talab biex il-Kunsill jasal fi qbil mal-Iskola Primarja u dik tal-Junior College biex jinfetħu l-parkeġġi għar-residenti. Is-Sindku fakkar li se jkunu qed jibdew xi xogħlijiet relatati mal-parkeġġ tal-Iskola Primarja bħala tħejjija biex jinfetaħ għar-residenti u għaldaqstant ma jistax jinfetaħ b’mod temporaju. Huwa wiegħed ukoll li se jitkellem mill-ġdid mas-Surmast tal-JC biex iħeġġu jiftaħ il-parkeġġ tal-iskola għall-użu tar-residenti.

30.9.11 Fir-rigward tal-parkeġġ tal-Iskola Primarja, is-SE preżentat kwotazzjonijiet għall-elettriku (sub-meter), għal pompi tal-grada kif ukoll żieda ta’ ħadid fuq il-grada eżistenti biex il-parkeġġ ikun aktar sigur. Il-Kunsill qabel li għandha tmexxi bix-xogħlijiet.

30.9.12 Il-Kunsillier JC Borg informa li waħda mir-residenti ta’ Triq J. Borg kienet talbitu biex jitneħħew il-bankijiet li hemm tul l-Iskola. Kien hemm qbil li m’għandha tittieħed ebda deċiżjoni għalissa.

## 30.10 Punti oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

30.10.1 Il-Kunsillier Chircop semma’ li l-attività tal-10 ta’ Lulju kienet marret tajjeb ħafna.

30.10.2 Il-Kunsillier Farrugia informa li kien tella’ post fuq facebook biex jikkundanna l-graffiti ta’ taħt il-pont il-ġdid. Huwa informa li min-naħa ta’ IM kienu ħarġu bl-idea li ssir xi biċċa arti biex din iż-żona tidher qisha parti mill-pjazza nnifisha. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suġġeriment.

30.10.3 Il-Viċi Sindku infurmat li meta attendiet għas-seminar tal-ENCOP kienet ġiet introdotta lil persuna li għandu Istitut Edukattiv fejn isiru numru ta’ korsijiet għall-adulti. Hija infurmat li kienet se tagħmel laqgħa miegħu biex tara x’jista’ joffri lir-residenti tagħna.

30.10.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kopja ta' kuntratt biex jiġi ffirmat ftehim għall-użu ta' art pubblika fir-rigward tal-iżvilupp fi Triq it-Torri ma' Trejqet BoxBox. Hija infurmat li kienet intbagħtet lill-avukat għad-direzzjoni min-naħa tiegħu.

30.10.5 Is-SE infurmat li rċeviet kommunikazzjoni mingħand ir-Reġjun Lvant dwar jekk irridux li jiġu installati Bicycle Repair Stations fil-lokalità. Hija talbet lill-Kunsilliera jissuġġerixxu xi postijiet. Kien hemm qbil li jsiru tliet suġġerimenti: waħda fuq il-*promenade* viċin tal-*winch room*, viċin tal-ħanut Tal-Aħwa qabel tidħol *skate park* u Triq Oscar Zammit mal-proġett il-ġdid.

## 30.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

30.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-30), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Farrugia propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier C. Borg ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 30.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

30.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 18 ta' Awwissu 2026 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |